Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/3210

6.6.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Mejju 2025

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas

(C/2025/3210)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2025 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas (BĊE/2025/11) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas, UAB ROSK Consulting, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2024. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2025 'il quddiem.

(3) Lietuvos bankas għażel lil UAB ROSK Consulting bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2025 sal-2027.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li UAB ROSK Consulting jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji mill-2025 sal-2027.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. UAB ROSK Consulting huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2025 sal-2027.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SZŁAPKA

---

([1]) ĠU C, C/2025/2306, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2306/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj).